Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru. 64/2017

Il-Pulizja

Vs

Joseph Pisani

Illum 04 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Joseph Pisani detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 493073M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul ix-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu, Settembru u Ottubru 2016 fil-Gzejjer Maltin

1. Naqas milli jaghti lil Claire Pisani, is-somma ta' 500 ewro, iffissata minn din il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu w / martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Frar, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w kif ukoll ordnat il-hlas ta' €1,500 fi zmien sitt xhur aii termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Pisani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbin ta' htija, thassar u tirrevoka dik il-piena nflitta ghal wahda iktar idonea li tkun ekwa u gusta fic-cirkustanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi fil-mori tal-appell l-manteniment indikata fl-akkuza thallas u ghalhekk il-parte civile ma fadaliex pretenzjonijiiet fir-rigward.

Madanakollu xorta wahda tirrizulta ir-reita billi l-manteniment thallas tardivament, izda hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-

konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w kif ukoll ordnat il-hlas ta' €1,500 fi zmien sitt xhur aii termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima LL.D

Imhallef